



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2011/0302(COD)

29.11.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
tistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
(COM(2011)0665 – C7-0374/2011 – 2011/0302(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Markus Pieper

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) huwa l-istrument ewlieni tal-UE li għandu l-għan jiffinanzja proġetti dwar in-network ewlieni li għandhom l-ogħla valur miżjud Ewropew li jirrigwardaw il-kisba tar-rabtiet transkonfinali neqsin, il-konġestjonijiet ewlenin u n-nodi multimodali. Is-CEF se jibbenefika l-Istati Membri kollha billi jipprovdi aċċess ugwali għas-Suq Intern u jaċċelera l-iżvilupp tal-infrastruttura li teħtieġ l-UE.

Fir-rigward tal-EUR 10 biljun trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni u allokati fi ħdan is-CEF għal proġetti infrastrutturali tat-trasport esklussivament għal Stati Membri ta' Koeżjoni, dawn tal-aħħar esprimew xi riservazzjonijiet u saħansitra oppożizzjoni. Madankollu, il-fondi allokati għal pajjiżi ta' Koeżjoni għandu jinstabilhom applikazzjoni immirata, billi jekk ma jintużawx, dawn se jmorru lura fil-Fond ta' Koeżjoni u għaldaqstant jintilfu. Hija r-responsabbiltà tal-Parlament Ewropew, bħala koleġiżlatur, li jaħdem fuq il-proposta tal-Kummissjoni u jdaħħal il-kjarifiki meħtieġa fit-test, bil-għan li jiġi żgurat l-appoġġ tal-Istati Membri kollha sabiex tinkiseb proposta tajba b'valur miżjud Ewropew. F'dan ir-rigward, ir-rapporteur ta' opinjoni jemmen li għandhom isiru l-kjarifiki li ġejjin fit-test:

L-EUR 10 biljun mill-Fond ta' Koeżjoni m'għandhomx jitqiesu għal limitu massimu ta' 2.5 % tal-PDG.

L-EUR 10 biljun trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni m'għandhomx jitqiesu għall-ilħuq tal-metodoloġija ta' limitu massimu ta' 2.5% tal-PDG, kif propost fil-QFP. Fil-livell ta' prinċipji, ma jagħmilx sens li jiġi inkluż strument amministrat ċentralment bħas-CEF fil-limitu massimu. Ħafna mill-proġetti għall-finanzjament huma proġetti transkonfinali u l-limitu massimu jista' jwassal għal trattament mhux uniformi fuq iż-żewġ naħat ta' proġett. Barra minn hekk, dan jintroduċi fil-konfront tal-Istati Membri ta' Koeżjoni element ta' trattament mhux ugwali fl-ammonti ta' flus bejn il-EUR 21.7 biljun u l-EUR 10 biljun, minħabba li waqt l-implimentazzjoni tal-proġett ibbażata fuq il-kompetizzjoni, dan il-limitu massimu, bħall-pakketti tal-pajjiż kompletament fissi, mhuwiex possibbli li jiġi rispettati.

Enfasi akbar fuq proġetti transkonfinali f'reġjuni tal-fruntiera

F'ħafna żoni tal-fruntiera, l-infrastruttura attwali għadha tirrifletti prinċipji nazzjonali limitati (mhux prijorità elettorali għall-Istati Membri li jippreferu investimenti infrastrutturali fiċ-ċentru, għalkemm kruċjali biex jinkisbu benefiċċji mill-proċess ta' integrazzjoni Ewropew u mis-suq intern), u r-reġjuni rispettivi jbatu minħabba l-pożizzjoni periferika tagħhom. Il-maġġoranza tal-proġetti ta' prijorità fil-fatt tikkonċerna proġetti ta' infrastruttura transnazzjonali, iżda spiss proġetti fis-sezzjonijiet transkonfinali jitlestew fl-aħħar nett jew ma jitlestew xejn. Sa issa 26 mit-30 proġett ta' prijorità tat-TEN-T jikkonċernaw xogħlijiet f'reġjuni tal-fruntiera jew għandhom dimensjoni transkonfinali, iżda f'dawn il-proġetti kollha l-investimenti fir-reġjun tal-fruntiera ġew implimentati l-aħħar.

Għandhom jiġu stabbiliti sinerġiji b'saħħithom bejn is-CEF u l-fondi ta' Koeżjoni.

Is-sinerġiji fir-rigward ta' proġetti infrastrutturali transkonfinali għandhom jiġu żviluppati wkoll mal-programmi ta' kooperazzjoni territorjali ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-

Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni. Il-proġetti infrastrutturali transkonfinali anki dawk f'reġjuni aktar għonja għandhom ikunu eliġibbli b'mod espliċitu skont il-FEŻR, fil-programmi tat-tkabbir u tal-impjiegi.

Is-CEF għandu, f'xi każijiet, jipprovdi appoġġ għan-netwerk komprensiv.

Barra minn hekk is-CEF għandu jkun aċċessibbli għal proġetti infrastrutturali fuq in-netwerk komprensiv b'limitu massimu ta' 5 % speċjalment għal proġetti f'reġjuni transkonfinali.

Faċilità ta' kollegament aktar 'profonda' għat-tisħiħ tal-investment f'infrastruttura ewlenija

Pajjiżi b'diffikultajiet finanzjarji jiddependu ħafna mill-investment fl-infrastruttura, billi dan jistimula t-tkabbir u jiġġenera l-impjiegi. Għalhekk, Stati Membri b'diffikultajiet finanzjarji għandhom, fuq talba tagħhom stess, ikunu jistgħu jużaw ir-riżorsi li ġejjin minn korrezzjoni jew irkupru ta' flussi ta' flus fi ħdan il-qafas tas-CEF u/jew fi ħdan il-pakketti nazzjonali tagħhom għall-proġetti infrastrutturali. L-ammonti rispettivi għandhom jiġu ġestiti b'mod ċentralizzat mill-Kummissjoni fil-qafas ta' programm dwar il-kompetittività u t-tkabbir. Dan għandu jinkoraġġixxi l-investment fi proġetti infrastrutturali nazzjonali kif ukoll transnazzjonali u għaldaqstant jikkontribwixxi lejn valur miżjud Ewropew.

L-aħħar iżda mhux l-inqas, huwa xieraq li jiġi enfasizzat li viżjoni fil-livell tal-UE ta' kuritur fuq distanzi twal li jmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali hija meħtieġa biex jiġu identifikati l-ostakoli (infrastrutturali, tekniċi u amministrattivi) għal trasport bla xkiel, interoperabbli u intermodali u biex jiġu indirizzati dawn l-ostakoli. Dawn l-ostakoli mhux biss jagħmlu ħsara profonda lill-kompetittività Ewropea permezz ta' żieda fl-ispejjeż u tnaqqis fl-affidabilità tal-katina loġistika – huma jaffettwaw ukoll b'mod assimetriku l-pajjiżi l-aktar periferiċi u b'hekk tkompli titħassar il-koeżjoni territorjali tal-UE.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu 172*** tiegħu,

Emenda

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikoli 172, 174 u 349*** tiegħu,

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Suq uniku li jaħdem b'mod sħiħ jiddependi fuq infrastruttura moderna u bi prestazzjoni tajba ħafna li tgħaqqad l-Ewropa partikolarment fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni. Dawn il-kollegamenti li jżidu t-tkabbir għandhom jipprovdu aċċess aħjar għas-suq intern u bħala riżultat, jikkontribwixxu għal ekonomija tas-suq aktar kompetittiva skont l-oġġettivi u l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Il-Kummissjoni impenjat ruħha li ddaħħal it-tibdil fil-klima f'kull programm ta' nfiq tal-Unjoni u li tiddedika *tal-anqas* 20 % tal-baġit tal-Unjoni għal oġġettivi marbutin mal-klima. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-mitigazzjoni tal-tibdil fil-klima u l-addattament għalih, kif ukoll il-prevenzjoni tar-riskji u l-amministrazzjoni tagħhom jitmexxew 'il quddiem fit-tħejjija, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni. L-investimenti infrastrutturali koperti minn dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu biex titmexxa 'l quddiem it-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u li tiffaħ għall-klima u d-diżastri.

Emenda

(2) Suq uniku li jaħdem b'mod sħiħ jiddependi fuq infrastruttura moderna, ***integrata***, u bi prestazzjoni tajba ħafna li tgħaqqad l-Ewropa ***u r-reġjuni tagħha***, partikolarment fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni. Dawn il-kollegamenti li jżidu t-tkabbir għandhom jipprovdu aċċess aħjar għas-suq intern u bħala riżultat, jikkontribwixxu għal ekonomija tas-suq aktar kompetittiva skont l-oġġettivi u l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020.

Emenda

(5) Il-Kummissjoni impenjat ruħha li ddaħħal it-tibdil fil-klima f'kull programm ta' nfiq tal-Unjoni u li tiddedika *tal-anqas* 20 % tal-baġit tal-Unjoni għal oġġettivi marbutin mal-klima. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-mitigazzjoni tal-tibdil fil-klima u l-addattament għalih, kif ukoll il-prevenzjoni tar-riskji u l-amministrazzjoni tagħhom jitmexxew 'il quddiem fit-tħejjija, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni. L-investimenti infrastrutturali koperti minn dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu biex titmexxa 'l quddiem it-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u li tiffaħ għall-klima u d-diżastri, ***mingħajr ma jiżdied l-iżolament ta' ċerti reġjuni Ewropej, bħar-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer.***

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri u l-azzjonijiet għall-promozzjoni ta' ekonomija u soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju ma għandhomx ikunu kawża ta' iżjed iżolament fil-każ ta' reġjuni li diġà jinsabu 'l bogħod mill-ekonomija interna.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Għandhom jinkisbu sinerġiji mill-qrib bejn l-istrumenti ta' finanzjament tas-CEF u l-FEŻR għall-finanzjament ta' infrastruttura f'reġjuni transkonfinali fil-qafas tan-netwerk komprensiv.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Abbażi tal-obiettivi stabbiliti fil-White Paper, il-linji gwida tat-TEN-T kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... jidentifikaw l-infrastruttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, jispeċifikaw l-obiettivi li għandhom jiġu milħuqa minnu u jipprovdu għal miżuri biex jiġu implimentati. Il-Linji Gwida jipprevedu b' mod partikolari t-tlestija tan-netwerk ewlieni sal-2030.

(10) Abbażi tal-obiettivi stabbiliti fil-White Paper, il-linji gwida tat-TEN-T kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... jidentifikaw l-infrastruttura tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, jispeċifikaw l-obiettivi li għandhom jiġu milħuqa minnu u jipprovdu għal miżuri biex jiġu implimentati. Il-Linji Gwida jipprevedu b' mod partikolari t-tlestija tan-netwerk ewlieni sal-2030 ***permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura ġdida kif ukoll ir-riabilitazzjoni u t-titjib tal-infrastruttura eżistenti.***

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Abbażi ta' analiżi tal-pjanijiet għall-infrastruttura tat-trasport tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tistma li l-investment meħtieġ fit-trasport jammonta għal **EUR 500 biljun** għan-netwerk tat-TEN-T kollu kemm hu għall-perjodu 2014-2020, li minnhom, **EUR 250 biljun** huma stmati li jridu jiġu investiti fin-netwerk ewlieni tat-TEN-T. Fid-dawl tar-riżorsi disponibbli fuq il-livell tal-Unjoni, hemm bżonn ta' konċentrazzjoni l-aktar fuq il-proġetti bl-oġhla valur miżjud Ewropew biex jintlaħaq l-impatt mixtieq. Għalhekk l-appoġġ għandu jkun iffukat fuq in-netwerk ewlieni (b'mod partikolari, il-kuritur tan-netwerk ewlieni) **u** fuq proġetti ta' interess komuni fil-qasam tas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku (b'mod partikolari s-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru li jirriżultaw minn SESAR li jeħtieġu riżorsi baġitarji tal-Unjoni ta' madwar EUR 3 biljun).

Emenda

(11) Abbażi ta' analiżi tal-pjanijiet għall-infrastruttura tat-trasport tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tistma li l-investment meħtieġ fit-trasport jammonta għal **EUR [500] biljun** għan-netwerk tat-TEN-T kollu kemm hu għall-perjodu 2014-2020, li minnhom, **EUR [250] biljun** huma stmati li jridu jiġu investiti fin-netwerk ewlieni tat-TEN-T. Fid-dawl tar-riżorsi disponibbli fuq il-livell tal-Unjoni, hemm bżonn ta' konċentrazzjoni l-aktar fuq il-proġetti bl-oġhla valur miżjud Ewropew biex jintlaħaq l-impatt mixtieq. Għalhekk l-appoġġ għandu jkun iffukat fuq in-netwerk ewlieni (b'mod partikolari, il-kuritur tan-netwerk ewlieni), **mingħajr ma jiġi eskluż l-appoġġ għan-netwerk komprensiv, li jista' jżid b'mod effettiv il-koeżjoni soċjali u territorjali u jtejjeb l-aċċessibilità madwar l-Unjoni, kif ukoll** fuq proġetti ta' interess komuni fil-qasam tas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku (b'mod partikolari s-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru li jirriżultaw minn SESAR li jeħtieġu riżorsi baġitarji tal-Unjoni ta' madwar EUR 3 biljun).

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ fl-ambitu tas-CEF għandu jkun ikkonċentrat fuq in-netwerk ewlieni, iżda m'għandux jeskludi kompletament l-appoġġ favur in-netwerk komprensiv f'każijiet li fihom il-proġetti jagħtu valur miżjud Ewropew partikolarment f'żoni bħar-reġjuni ultraperiferiċi, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 355 u 375 tat-TFUE, li huma koperti min-netwerk komprensiv, sabiex tiġi evitata kull żieda fl-iżolament tagħhom.

Emenda 7

**Proposta għal regolament
Premessa 13**

Test propost mill-Kummissjoni

(13) L-esperjenza bil-qafas finanzjarju attwali turi li **bosta Stati** Membri, li huma eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni, qegħdin

Emenda

(13) L-esperjenza bil-qafas finanzjarju attwali turi li **wħud mill-Istati** Membri, li huma eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni,

iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet imdaqqa biex ilestu fil-ħin proġetti transkonfinali kumplessi ta' infrastruttura ta' trasport li għandhom valur miżjud għoli għall-Unjoni. Għalhekk, sabiex ikun hemm titjib fit-tlestija tal-proġetti tat-trasport, b'mod partikolari dawk transkonfinali b'valur miżjud għoli għall-Unjoni, parti mill-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (**EUR 10 biljun**) għandha tiġi trasferita għall-finanzjament ta' proġetti tat-trasport fuq in-newtork ewlieni tat-trasport fl-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa Stati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni biex jiġu żviluppatti *sensiela adegwata ta'* proġetti *ħalli tingħata l-aqwa prijorità possibbli għall-allokazzjonijiet nazjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni..*

qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet imdaqqa biex ilestu fil-ħin proġetti transkonfinali kumplessi ta' infrastruttura ta' trasport li għandhom valur miżjud għoli għall-Unjoni. Għalhekk, sabiex ikun hemm titjib fit-tlestija tal-proġetti tat-trasport, b'mod partikolari dawk transkonfinali b'valur miżjud għoli għall-Unjoni, parti mill-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni (**EUR [XXX] biljun**) għandha tiġi trasferita għall-finanzjament ta' proġetti tat-trasport fuq in-newtork ewlieni tat-trasport fl-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. **Sal-31 ta' Diċembru 2016, l-għażla tal-proġetti għandha ttrispetta kompletament l-allokazzjonijiet nazjonali skont il-Fond ta' Koeżjoni. Mill-1 ta' Jannar 2017, ir-riżorsi li ma jkunux għadhom ġew allokati għal proġett infrastrutturali tat-trasport, għandhom isiru disponibbli għall-Istati Membri kollha eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni skont ir-regoli ta' dan ir-Regolament. Għandha tiġi żgurata l-akbar prijorità possibbli għall-proġetti li jirrispettaw l-allokazzjonijiet nazjonali fl-ambitu tal-Fond ta' Koeżjoni.** Il-Kummissjoni għandha tappoġġa Stati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni biex jiġu żviluppatti *u implimentati* proġetti *ta' valur miżjud Ewropew elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.*

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Il-kapaċitajiet istituzzjonali u amministrattivi jikkostitwixxu rekwiżiti preliminari essenzjali għall-ilħuq effikaċi tal-oġettivi tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-livell ta' dawn il-kapaċitajiet ikun dejjem suffiċjenti biex jiġu mfassla u

implimentati l-proġetti, u kull meta jkun meħtieġ għandha toffri mezzi xierqa lill-Istati Membri kkonċernati.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Huwa meħtieġ li jiġu żviluppati netwerks qawwija u koerenti mifruxa madwar l-UE għat-twassil permezz ta' mezzi diġitali ta' azzjonijiet li huma meħtieġa għall-ġid pubbliku, bis-sehem ta' atturi pubbliċi u mis-soċjetà ċivili fuq livell nazzjonali **u** reġjonali, u għal dan il-għan huwa importanti li jiġi żgurat il-finanzjament strutturat mill-UE tal-ispejjeż tat-tfassil tas-sistema u tas-softwer, kif ukoll iż-żamma ta' ċentru reżiljenti għal dawn in-netwerks, fejn ikunu biss l-ispejjeż li jsiru minn ġol-pajjiżi li jitħallew għall-baġits tal-operaturi nazzjonali.

Emenda

(24) Huwa meħtieġ li jiġu żviluppati netwerks qawwija u koerenti mifruxa madwar l-UE għat-twassil permezz ta' mezzi diġitali ta' azzjonijiet li huma meħtieġa għall-ġid pubbliku, bis-sehem ta' atturi pubbliċi u mis-soċjetà ċivili fuq livell nazzjonali, reġjonali **u lokali**, u għal dan il-għan huwa importanti li jiġi żgurat il-finanzjament strutturat mill-UE tal-ispejjeż tat-tfassil tas-sistema u tas-softwer, kif ukoll iż-żamma ta' ċentru reżiljenti għal dawn in-netwerks, fejn ikunu biss l-ispejjeż li jsiru minn ġol-pajjiżi li jitħallew għall-baġits tal-operaturi nazzjonali.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Il-Faċilità *Nikkollelgaw* l-Ewropa għandha tipproponi strumenti finanzjarji biex tħeġġeġ lill-investituri fis-settur privat u l-istituzzjonijiet finanzjarji biex jipparteċipaw b'mod sostanzjali fl-investment tal-infrastruttura. Sabiex ikunu attraenti biżżejjed għas-settur privat, l-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu mfassla u implimentati b'attenzjoni għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattivi, iżda wkoll b'kunsiderazzjoni li jinżamm livell ta' flessibilità sabiex ikunu jistgħu *jirreaġixxu* b'mod flessibbli għall-bżonnijiet ta'

Emenda

(37) Il-Faċilità *Nikkollegaw* l-Ewropa għandha tipproponi strumenti finanzjarji biex tħeġġeġ lill-investituri fis-settur privat u l-istituzzjonijiet finanzjarji biex jipparteċipaw b'mod sostanzjali fl-investment tal-infrastruttura. Sabiex ikunu attraenti biżżejjed għas-settur privat, l-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu mfassla u implimentati b'attenzjoni għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattivi, iżda wkoll b'kunsiderazzjoni li jinżamm livell ta' flessibilità sabiex ikunu jistgħu *jirreaġixxu* b'mod flessibbli għall-bżonnijiet ta'

finanzjamenti identifikati. It-tfassil ta' dawn l-istrumenti għandu jibbaża fuq l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013, bħall-istrument ta' Self Garantit għall-proġetti TEN-T (LGTT), il-Faċilità ta' Finanzjament b'Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) u l-Fond Ewropew 2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima, u l-Infrastruttura (il-"Fond Marguerite").

finanzjamenti identifikati. ***L-awtoritajiet ta' ġestjoni responsabbli għandhom joħlqu l-inċentivi meħtieġa biex jiġbdu l-investituri privati.*** It-tfassil ta' dawn l-istrumenti għandu jibbaża fuq l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013, bħall-istrument ta' Self Garantit għall-proġetti TEN-T (LGTT), il-Faċilità ta' Finanzjament b'Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF) u l-Fond Ewropew 2020 għall-Enerġija, it-Tibdil fil-Klima, u l-Infrastruttura (il-"Fond Marguerite").

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Il-programmazzjoni multiannwali għall-appoġġ mill-Faċilità għandha tkun intiża biex tappoġġa il-prijoritajiet tal-Unjoni billi tiżgura li jkun hemm ir-riżorsi finanzjarji neċessarji u l-konsistenza u l-kontinwità fl-azzjoni konġunta li ssir mill-Unjoni u l-Istati Membri. Għal proposti mressqa wara l-implimentazzjoni tal-ewwel programm ta' ħidma multiannwali fis-settur tat-trasport, l-eliġibbiltà tal-ispejjeż għandha tibda fl-1 ta' Jannar 2014 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità ta' proġetti diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 44

PE491.329v02-00

Emenda

(41) Il-programmazzjoni multiannwali għall-appoġġ mill-Faċilità għandha tkun intiża biex tappoġġa il-prijoritajiet tal-Unjoni billi tiżgura li jkun hemm ir-riżorsi finanzjarji neċessarji u l-konsistenza, ***il-korrettezza*** u l-kontinwità fl-azzjoni konġunta li ssir mill-Unjoni u l-Istati Membri. Għal proposti mressqa wara l-implimentazzjoni tal-ewwel programm ta' ħidma multiannwali fis-settur tat-trasport, l-eliġibbiltà tal-ispejjeż għandha tibda fl-1 ta' Jannar 2014 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità ta' proġetti diġà koperti mir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajjnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija.

10/36

AD\915841MT.doc

(44) Fuq il-bażi tal-linji gwida speċifiċi għal kull settur stabbiliti f'Regolamenti separati, tfasslet lista ta' oqsma ta' prijorità li għalihom għandu japplika dan ir-Regolament u din għandha tkun inkluża fl-Anness. Sabiex jittieħed kont ta' xi bidliet li jista' jkun hemm fil-prijoritajiet politiki u l-kapaċitajiet teknoloġiċi, kif ukoll il-flussi tat-traffiku, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li taddotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu addottati emendi fl-Anness. **Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni** tagħmel konsultazzjonijiet kif suppost waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fuq livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, hija u tipprepara u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura illi d-dokumenti rilevanti jintbagħtu simultanjament, fil-ħin u kif suppost lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt 10a (ġdid)

(44) Fuq il-bażi tal-linji gwida speċifiċi għal kull settur stabbiliti f'Regolamenti separati, tfasslet lista ta' oqsma ta' prijorità li għalihom għandu japplika dan ir-Regolament u din għandha tkun inkluża fl-Anness. Sabiex jittieħed kont ta' xi bidliet li jista' jkun hemm fil-prijoritajiet politiki u l-kapaċitajiet teknoloġiċi, kif ukoll il-flussi tat-traffiku, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li taddotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu addottati emendi fl-Anness. **Il-Kummissjoni għandha** tagħmel konsultazzjonijiet kif suppost waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fuq livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, hija u tipprepara u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura illi d-dokumenti rilevanti jintbagħtu simultanjament, fil-ħin u kif suppost lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(10a) "network komprensiv" tfisser network tat-trasport mifrux mal-Ewropa, kif previst fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida TEN-T] li jiggarrantixxi l-aċċess għas-suq intern u l-interkonnnettività tar-reġjuni kollha fl-Unjoni, fosthom ir-reġjuni mbiegħda, ultraperiferiċi u daww b'popolazzjoni baxxa ħafna, biex b'hekk tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali bejn l-Istati Membri, fi ħdanhom u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi;

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tippermetti t-tnejn u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni fi ħdan il-qafas tal-politika tan-netwerks trans-Ewropej fis-setturi tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni. B'mod partikolari, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti mmirati għall-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' infrastruttura *ġodda* jew għat-titjib ta' daww eżistenti fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni. Għal dan il-għan, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa se tfittex li tilħaq dawn l-objettivi li ġejjin:

(a) li tikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv billi tiżviluppa netwerks trans-Ewropej moderni u bi prestazzjonijiet tajbin ħafna, u b'hekk toħroġ benefiċċji għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi f'termini ta' kompetittività u koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan is-Suq Uniku u billi toħloq ambjent illi jgħin il-ħolqien ta' investiment privat u pubbliku permezz ta' taħlita ta' strumenti finanzjarji u għajjnuna diretta mill-Unjoni u billi jiġu użati bl-aqwa mod *s-sinerġiji* bejn is-setturi kollha. Il-kisba ta' dan il-għan tiġi mkejla mid-daqs tal-volum ta' investiment pubbliku u privat fi proġetti ta' interess komuni, u b'mod partikolari minn kemm ikun il-volum ta' investimenti pubbliċi u privati fi proġetti ta' interess komuni mwettqa bis-saħħa tal-istrumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament.

Emenda

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tippermetti t-tnejn u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni fi ħdan il-qafas tal-politika tan-netwerks trans-Ewropej fis-setturi tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni. B'mod partikolari, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti mmirati għall-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' infrastruttura *ġdida* jew għat-titjib ta' daww eżistenti fil-qasam tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni ***u għall-għoti ta' prijorità lill-infrastruttura nieqsa***. Għal dan il-għan, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa se tfittex li tilħaq dawn l-objettivi li ġejjin:

(a) li tikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv billi tiżviluppa netwerks trans-Ewropej moderni u bi prestazzjonijiet tajbin ħafna ***li jikkunsidraw il-flussi tat-traffiku futuri***, u b'hekk toħroġ benefiċċji għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi f'termini ta' kompetittività u koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan is-Suq Uniku u billi toħloq ambjent illi jgħin il-ħolqien ta' investiment privat u pubbliku permezz ta' taħlita ta' strumenti finanzjarji u għajjnuna diretta mill-Unjoni u billi jiġu użati bl-aqwa mod *is-sinerġiji* bejn is-setturi kollha. Il-kisba ta' dan il-għan tiġi mkejla mid-daqs tal-volum ta' investiment pubbliku u privat fi proġetti ta' interess komuni, u b'mod partikolari minn kemm ikun il-volum ta' investimenti pubbliċi u privati fi proġetti ta' interess komuni mwettqa bis-saħħa tal-istrumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament ***u flimkien ma' riżorsi finanzjarji oħra***.

(b) li *tippermetti lill-Unjoni* tilħaq il-miri *li għandha li tnaqqas b'20 % l-emissjonijiet* ta' gassijiet b'effett ta' serra, li żżid b'20 % l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u li tgħolli s-sehem tal-enerġija rinnovabbli għal 20 % sal-2020, filwaqt li tiżgura aktar solidarjetà bejn l-Istati Membri.

(b) li *tikkontribwixxi sabiex l-Unjoni* tilħaq il-miri *ta' 20 % tnaqqis fl-emissjonijiet* ta' gassijiet b'effett ta' serra, li żżid b'20 % l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u li tgħolli s-sehem tal-enerġija rinnovabbli għal 20 % sal-2020, filwaqt li tiżgura aktar solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-għeluq tal-lakuni fil-kollegamenti u t-tneħħija tal-konġestjonijiet, principlment fis-sezzjonijiet transkonfinali.

Ġustifikazzjoni

Ir-reġjuni tal-fruntieri jbatu minħabba s-sit periferiku tagħhom u għalhekk jiddependu b'mod speċjali mill-kollegamenti għan-netwerk tat-trasport tal-UE. Proġetti infrastrutturali għall-bini tal-kollegamenti neqsin u għat-tneħħija tal-konġestjonijiet għandhom jiġu mħeġġa f'reġjuni tal-fruntiera sabiex jiġu kkollegati man-netwerk ewlieni u b'hekk jingħata aċċess aħjar għas-suq intern.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Barra l-oġġettivi ġenerali stabbiliti taħt l-Artikolu 3, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tgħin sabiex jintlaħqu l-oġġettivi speċifiċi settorjali li ġejjin:

(a) Fil-qasam tat-trasport, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tgħin proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jilhqgħu l-oġġettivi stabbiliti hawn taħt, kif hu speċifikat ulterjorment taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE)

1. Barra l-oġġettivi ġenerali stabbiliti taħt l-Artikolu 3, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tgħin sabiex jintlaħqu l-oġġettivi speċifiċi settorjali li ġejjin:

(a) Fil-qasam tat-trasport, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tgħin proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jilhqgħu l-oġġettivi stabbiliti hawn taħt, kif hu speċifikat ulterjorment taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE)

Nru xxxx/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T]:

(i) li tneħħi il-konġestjonijiet u tibni l-kollegamenti neqsin, li jitkejlu mill-għadd ta' kollegamenti transkonfinali ġodda jew imtejba u konġestjonijiet imneħħija minn fuq rotot tat-trasport li jkun bbenefikaw mis-CEF;

(ii) li tiżgura trasport sostenibbli u effiċjenti fit-tul ta' żmien, li għandu jiġi mkejje mit-tul tan-netwerk tal-ferroviji konvenzjonali fl-UE-27 u mit-tul tan-netwerk tal-ferroviji li għandhom veloċità għolja fl-UE-27;

(iii) li ttejjeb kemm jista' jkun l-integrazzjoni u l-interkollegament bejn il-mezzi ta' trasport u ttejjeb l-interoperabbiltà bejn is-servizzi tat-trasport. Il-kisba ta' dan l-oġġettiv ser jiġi mkejje minn kemm ikun hemm portijiet u ajruportijiet kollegati man-netwerk tal-ferrovija.

(b) Fil-qasam tal-enerġija, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tgħin proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jilhq l-oġġettivi li ġejjin, kif hu speċifikat ulterjorment fir-Regolament (UE) Nru xxxx/2012:

(i) li tgħin sabiex ikun hemm aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u interoperabbiltà bejn networks tal-elettriku u tal-gass irrispettivament mill-fruntieri, fosthom billi tiżgura li ebda Stat Membru ma jkun iżolat min-netwerk Ewropew, li għandu jiġi mkejje mill-għadd ta' proġetti li jwasslu għal interkollegament effettiv bejn in-networks tal-Istati Membri u li jneħħu l-konġestjonijiet interni;

(ii) li ttejjeb is-sigurtà fil-provvista tal-

Nru xxxx/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T]:

(i) li tneħħi il-konġestjonijiet u tibni l-kollegamenti neqsin, ***biex b'hekk jintużaw ukoll il-kwoti u r-rati ta' kofinanzjament kif imsemmi fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament u filwaqt li jitqiesu r-regġuni ġeografikament żvantaġġati*** li jitkejlu mill-għadd ta' kollegamenti ***interni u*** transkonfinali ġodda jew imtejba u konġestjonijiet imneħħija minn fuq rotot tat-trasport li jkun bbenefikaw mis-CEF;

(ii) li tiżgura trasport sostenibbli u effiċjenti fit-tul ta' żmien, li għandu jiġi mkejje mit-tul tan-netwerk tal-ferroviji konvenzjonali fl-UE-27 u mit-tul tan-netwerk tal-ferroviji li għandhom veloċità għolja fl-UE-27;

(iii) li ttejjeb kemm jista' jkun l-integrazzjoni u l-interkollegament bejn il-mezzi ta' trasport u ttejjeb l-interoperabbiltà bejn is-servizzi tat-trasport. Il-kisba ta' dan l-oġġettiv ser jiġi mkejje minn kemm ikun hemm portijiet u ajruportijiet kollegati man-netwerk tal-ferrovija;

(iv) li tħejji għal flussi futuri tat-trasport.

(b) Fil-qasam tal-enerġija, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tgħin proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jilhq l-oġġettivi li ġejjin, kif hu speċifikat ulterjorment fir-Regolament (UE) Nru xxxx/2012:

(i) li tgħin sabiex ikun hemm aktar integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u interoperabbiltà bejn networks tal-elettriku u tal-gass irrispettivament mill-fruntieri, fosthom billi tiżgura li ebda Stat Membru ma jkun iżolat min-netwerk Ewropew, li għandu jiġi mkejje mill-għadd ta' proġetti li jwasslu għal interkollegament effettiv bejn in-networks tal-Istati Membri u li jneħħu l-konġestjonijiet interni;

(ii) li ttejjeb is-sigurtà ***u l-effiċjenza*** fil-

Unjoni, li għandu jiġi mkejje minn kemm ikun hemm evoluzzjoni fir-reżiljenza tas-sistema u s-sigurtà fl-operat tas-sistema, u kif ukoll mill-għadd ta' proġetti li jippermettu diversifikazzjoni tas-sorsi ta' provvista, tal-fornituri u tar-rotot;

li tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent, b'mod partikolari billi tiffavorixxi l-integrazzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli man-netwerk ta' distribuzzjoni tal-enerġija u tiżviluppa netwerks tad-dijossidu tal-karbonju, li għandu jiġi mkejje mit-twassil tal-enerġija rinnovabbli miċ-ċentri fejn tiġi ġġenerata lejn dawk ta' konsum u siti ta' ħżin, u mill-ammont ta' emissjonijiet ta' CO2 li ma jkunux ġew iġġenerati bis-saħħa ta' proġetti li nbnew li jkunu bbenefikaw mis-CEF.

(c) Fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tipprovdi għal azzjonijiet sabiex jiġu appoġġjati proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jilħqu l-oġġettivi li ġejjin, kif speċifikat ulterjorment fir-Regolament (UE) Nru xxxx/2012 [Linji Gwida tal-INFOS]:

(i) li jitħaffef il-pass ta' tħaddim ta' netwerks bi broadband veloċi u ultraveloċi u l-użu li jsir minnhom, inkluż mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li għandu jiġi mkejje mil-livell ta' kopertura tal-broadband u tal-broadband ultraveloċi u mill-għadd ta' djar li jkollhom abbonament għal kollegamenti bil-broadband li jaqbżu il-100 Mbps;

(ii) li thegġegħ l-interkollegament u l-interoperabbiltà bejn is-servizzi pubbliċi nazzjonali onlajn kif ukoll l-aċċess għal netwerks bħal dawn, li għandu jiġi mkejje mill-persentaġġ ta' ċittadini u negozji li

provvista tal-Unjoni **permezz tal-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi**, li għandu jiġi mkejje minn kemm ikun hemm evoluzzjoni fir-reżiljenza tas-sistema u s-sigurtà fl-operat tas-sistema, u kif ukoll mill-għadd ta' proġetti li jippermettu diversifikazzjoni tas-sorsi ta' provvista, tal-fornituri u tar-rotot;

(iii) li tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent, b'mod partikolari billi tiffavorixxi l-integrazzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli man-netwerk ta' distribuzzjoni tal-enerġija u tiżviluppa netwerks tad-dijossidu tal-karbonju, li għandu jiġi mkejje mit-twassil tal-enerġija rinnovabbli miċ-ċentri fejn tiġi ġġenerata lejn dawk ta' konsum u siti ta' ħżin, u mill-ammont ta' emissjonijiet ta' CO2 li ma jkunux ġew iġġenerati bis-saħħa ta' proġetti li nbnew li jkunu bbenefikaw mis-CEF.

(c) Fil-qasam tan-netwerks tat-telekomunikazzjoni, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha tipprovdi għal azzjonijiet sabiex jiġu appoġġjati proġetti ta' interess komuni li għandhom l-għan li jilħqu l-oġġettivi li ġejjin, kif speċifikat ulterjorment fir-Regolament (UE) Nru xxxx/2012 [Linji Gwida tal-INFOS]:

(i) li jitħaffef il-pass ta' tħaddim ta' netwerks bi broadband veloċi u ultraveloċi u l-użu li jsir minnhom **fi ħdan u bejn ir-reġjuni kollha tal-UE kif ukoll f'żoni rurali**, inkluż mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li għandu jiġi mkejje mil-livell ta' kopertura tal-broadband u tal-broadband ultraveloċi u mill-għadd ta' djar li jkollhom abbonament għal kollegamenti bil-broadband li jaqbżu il-100 Mbps;

(ii) li thegġegħ l-interkollegament u l-interoperabbiltà bejn is-servizzi pubbliċi nazzjonali onlajn kif ukoll l-aċċess għal netwerks bħal dawn, li għandu jiġi mkejje mill-persentaġġ ta' ċittadini u negozji li

jkunu qed jużaw servizzi pubbliċi onlajn u mid-disponibbiltà ta' servizzi b'hal dawn minn pajjiż għal ieħor irrispettivament mill-fruntieri.

jkunu qed jużaw servizzi pubbliċi onlajn u mid-disponibbiltà ta' servizzi b'hal dawn minn pajjiż għal ieħor irrispettivament mill-fruntieri.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – sottopunt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii) li tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent, b'mod partikolari billi tiffavorixxi l-integrazzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli man-netwerk ta' distribuzzjoni tal-enerġija **u** tiżviluppa netwerks tad-dijossidu tal-karbonju, li għandu jiġi mkejje mit-twassil tal-enerġija rinnovabbli miċ-ċentri fejn tiġi ġġenerata lejn dawk ta' konsum u siti ta' ħżin, u mill-ammont ta' emissjonijiet ta' CO₂ li ma jkunux ġew iġġenerati bis-saħħa ta' proġetti li nbnew li jkunu bbenefikaw mis-CEF.

Emenda

(iii) li tikkontribwixxi lejn l-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent, b'mod partikolari billi tiffavorixxi l-integrazzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli man-netwerk ta' distribuzzjoni tal-enerġija, tiżviluppa netwerks tad-diossidu tal-karbonju **u tinvesti fit-trasport sostenibbli**, li għandu jiġi mkejje mit-twassil tal-enerġija rinnovabbli miċ-ċentri fejn tiġi ġġenerata lejn dawk ta' konsum u siti ta' ħżin, u mill-ammont ta' emissjonijiet ta' CO₂ li ma jkunux ġew iġġenerati bis-saħħa ta' proġetti li nbnew li jkunu bbenefikaw mis-CEF.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020 għandu jkun ta' **EUR 50 000 000 000**. Dan l-ammont għandu jitqassam bejn is-setturi msemmija fl-Artikolu 3 kif ġej:

(a) trasport: **EUR 31 694 000 000**, li minnhom **EUR 10 000 000 000** għandhom jiġu trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jintefqu b'konformità ma' dan ir-Regolament fl-Istati Membri eliġibbli

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu mill-2014 sal-2020 għandu jkun ta' **EUR [XXX]**. Dan l-ammont għandu jitqassam bejn is-setturi msemmija fl-Artikolu 3 kif ġej:

(a) trasport: **EUR [XXX]**, li minnhom **EUR [XXX]** għandhom jiġu trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jintefqu b'konformità ma' dan ir-Regolament, **mar-Regolament (UE) Nru [...] /2012 [CPR], u**

għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni;

(b) enerġija: **EUR 9 121 000 000**;

(c) telekomunikazzjoni:
EUR 9 185 000 000.

2. Il-pakkett finanzjarju tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jista' jkopri spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet ta' preparazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, sakemm huma relatati mal-oġġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament, spejjeż marbuta ma' networks tal-IT li jiffokaw fuq ipproċessar u skambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispiża ta' kull assistenza teknika u amministrattiva oħra mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata —tranżizzjoni bejn il-Programm u l-programmi adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 680/2007. Jekk ikun meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit wara l-2020 biex ikopru spejjeż simili, sabiex ikun possibbli l-immaniġġjar ta' azzjonijiet li sal-31 ta' Diċembru 2020 ma jkunux kompluti.

3. Wara l-evalwazzjoni intermedjarja skont l-Artikolu 26.1, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi bejn is-setturi l-appropriazzjonijiet tal-allokazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni **tal-EUR 10 000 000 000** trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni għall-finanzjament ta' proġetti fis-settur tat-trasport fl-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni.

mar-Regolament (UE) Nru [...] /2012 [Fond ta' Koeżjoni] esklussivament fl-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni **għall-proġetti elenkati fl-Anness 1 u b'rispett sħiħ tal-allokazzjonijiet nazzjonali skont il-Fond ta' Koeżjoni sal-31 ta' Diċembru 2016**;

(b) enerġija: **EUR [XXX]**;

(c) telekomunikazzjoni: **EUR [XXX]**;

2. Il-pakkett finanzjarju tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jista' jkopri spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet ta' preparazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, sakemm huma relatati mal-oġġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament, spejjeż marbuta ma' networks tal-IT li jiffokaw fuq ipproċessar u skambju ta' informazzjoni, flimkien mal-ispiża ta' kull assistenza teknika u amministrattiva oħra mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.

L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata —tranżizzjoni bejn il-Programm u l-programmi adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 680/2007. Jekk ikun meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit wara l-2020 biex ikopru spejjeż simili, sabiex ikun possibbli l-immaniġġjar ta' azzjonijiet li sal-31 ta' Diċembru 2020 ma jkunux kompluti.

3. Wara l-evalwazzjoni intermedjarja skont l-Artikolu 26.1, il-Kummissjoni tista' tittrasferixxi bejn is-setturi l-appropriazzjonijiet tal-allokazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 **sa massimu ta' 3% għal kull settur**, bl-eċċezzjoni **tal-EUR [XXX]** li tqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni għall-finanzjament ta' proġetti fis-settur tat-trasport fl-Istati

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

1. Huma biss azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolamenti (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T], (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-E, (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija] u XXX/2012 [Linji Gwida tal-INFSO] kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, li għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ permezz ta' għajjnuna finanzjarja mill-UE f'għamla ta' għotjiet ta' flus, strumenti finanzjarji u akkwisti.
2. Fil-qasam tat-trasport, huma biss azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T] u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, li huma eliġibbli għal appoġġ permezz ta' għajjnuna finanzjarja mill-UE f'għamla ta' akkwisti u strumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament. F'għamla ta' għotjiet ta' flus, huma biss dawn l-azzjonijiet li ġejjin illi għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament:
 - (a) azzjonijiet li jimplementaw in-netwerk ewlieni skont Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T], inkluż it-tħaddim ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];

Emenda

1. Huma biss azzjonijiet li jikkontribwixxu għal proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolamenti (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T], (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-E, (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija] u XXX/2012 [Linji Gwida tal-INFSO] kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, li għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ permezz ta' għajjnuna finanzjarja mill-UE f'għamla ta' għotjiet ta' flus, strumenti finanzjarji u akkwisti.
2. Fil-qasam tat-trasport, huma biss azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proġetti ta' interess komuni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T] u azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, li huma eliġibbli għal appoġġ permezz ta' għajjnuna finanzjarja mill-UE f'għamla ta' akkwisti u strumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament. F'għamla ta' għotjiet ta' flus, huma biss dawn l-azzjonijiet li ġejjin illi għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament:
 - (a) azzjonijiet li jimplementaw in-netwerk ewlieni skont Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T], inkluż it-tħaddim ta' teknoloġiji ġodda u innovazzjoni skont l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];
 - (aa) azzjonijiet li jimplementaw in-netwerk komprensiv skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji

Gwida TEN-T] meta tali azzjonijiet jikkontribwixxu lejn l-iffaċilitar tal-flussi tat-traffiku transkonfinali jew għat-tneħħija ta' konġestjonijiet u meta dawn l-azzjonijiet jikkontribwixxu wkoll lejn l-iżvilupp tan-netwerk prinċipali u jiżguraw l-interkonnnessjoni bejn ir-reġjuni, inklużi dawk l-aktar imbiegħda u ultraperiferiċi, sa limitu massimu ta' 5 % tal-pakkett finanzjarju għat-trasport kif speċifikat fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

(b) studji għal proġetti ta' interess komuni kif definiti fl-Artikolu 8(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];

(c) azzjonijiet ta' appoġġ għall-proġetti ta' interess komuni kif definiti fl-Artikolu 8(1)(a) u (d) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];

(d) azzjonijiet ta' appoġġ għas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];

(e) azzjonijiet ta' appoġġ għas-servizzi tal-ġarr ta' merkanzija skont l-Artikolu 38 tar-Regolament XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];

(f) azzjonijiet sabiex jitnaqqas l-istorbju li joħroġ mill-ferroviji **li jgħorru l-merkanzija permezz ta' twaħħil ta'** tagħmir apposta mal-vetturi kollha li joperaw fuq il-linji tal-ferroviji;

(g) azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi.

L-azzjonijiet relatati mat-trasport li jinvolvu sezzjoni transkonfinali jew parti minnha għandhom ikunu eliġibbli sabiex jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni jekk hemm ftehim bil-miktub bejn l-Istati Membri kkonċernati jew bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kkonċernati marbut mat-tlestija tas-sezzjoni transkonfinali.

(b) studji għal proġetti ta' interess komuni kif definiti fl-Artikolu 8(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];

(c) azzjonijiet ta' appoġġ għall-proġetti ta' interess komuni kif definiti fl-Artikolu 8(1)(a) u (d) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];

(d) azzjonijiet ta' appoġġ għas-sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];

(e) azzjonijiet ta' appoġġ għas-servizzi tal-ġarr ta' merkanzija skont l-Artikolu 38 tar-Regolament XXX/2012 [Linji Gwida tat-TEN-T];

f) azzjonijiet **immirati** sabiex jitnaqqas l-istorbju li joħroġ mill-ferroviji **inkluż billi jitwaħħal u jiġi modernizzat** tagħmir apposta mal-vetturi kollha li joperaw fuq il-linji tal-ferroviji ;

(g) azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi;

(ga) azzjonijiet li jappoġġaw teknoloġiji ġodda u innovazzjoni għall-mezzi kollha ta' trasport.

L-azzjonijiet relatati mat-trasport li jinvolvu sezzjoni transkonfinali jew parti minnha għandhom ikunu eliġibbli sabiex jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni jekk hemm ftehim bil-miktub bejn l-Istati Membri kkonċernati jew bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kkonċernati marbut mat-tlestija tas-sezzjoni transkonfinali. **II-**

Bħala eċċezzjoni, meta proġett ikun neċessarju sabiex ikun hemm għaqda man-netwerk ta' Stat Membru ġar jew ta' xi pajjiż terz iżda li fil-verità ma jaqsamx il-fruntiera, il-ftehim bil-miktub imsemmi hawn fuq ma għandux ikun meħtieġ.

Il-finanzjament f'għamla ta' għotjiet għall-proġetti li għandhom sorsi ta' dħul imdaqqa mhux ħażin li jiddependu fuq ħlas mill-utenti għandu jkun prinċipalment disponibbli għall-iskopijiet marbuta mat-tnejn tal-proġett, b'mod partikolari biex issir il-valutazzjoni PPP.

3. Fil-qasam tal-enerġija, il-kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mal-eliġibbiltà ta' azzjonijiet li jimplementaw proġetti ta' interess komuni biex jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni fl-għamla ta' strumenti finanzjarji u għotjiet taħt dan ir-Regolament huma stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija].

4. Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, l-azzjonijiet kollha li jimplementaw proġetti ta' interess komuni u l-azzjonijiet kollha ta' appoġġ għall-programmi stabbiliti fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tal-INFOS] għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni fl-għamla ta' għotja ta' flus, akkwist u strumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament.

Kummissjoni għandha tippovdi għajjnuna għall-konklużjoni tal-ftehim u għandha tirrapporta lill-Parlament kull sena dwar il-każijiet meta kien hemm problemi, u dwar in-natura tad-diffikultajiet. Bħala eċċezzjoni, meta proġett ikun neċessarju sabiex ikun hemm għaqda man-netwerk ta' Stat Membru ġar jew ta' xi pajjiż terz iżda li fil-verità ma jaqsamx il-fruntiera, il-ftehim bil-miktub imsemmi hawn fuq ma għandux ikun meħtieġ.

Il-finanzjament f'għamla ta' għotjiet għall-proġetti li għandhom sorsi ta' dħul imdaqqa mhux ħażin li jiddependu fuq ħlas mill-utenti għandu jkun prinċipalment disponibbli għall-iskopijiet marbuta mat-tnejn tal-proġett, b'mod partikolari biex issir il-valutazzjoni PPP.

3. Fil-qasam tal-enerġija, il-kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mal-eliġibbiltà ta' azzjonijiet li jimplementaw proġetti ta' interess komuni biex jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni fl-għamla ta' strumenti finanzjarji u għotjiet taħt dan ir-Regolament huma stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija].

4. Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, l-azzjonijiet kollha li jimplementaw proġetti ta' interess komuni u l-azzjonijiet kollha ta' appoġġ għall-programmi stabbiliti fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida tal-INFOS] għandhom ikunu eliġibbli li jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni fl-għamla ta' għotja ta' flus, akkwist u strumenti finanzjarji taħt dan ir-Regolament.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għotjiet skont dan ir-Regolament jistgħu jsiru f'waħda mill-forom stabbiliti mill-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Finanzjarju l-Ġdid].

Il-Programmi ta' Ħidma għandhom jistabbilixxu l-forom ta' għotjiet ta' flus li jistgħu jintużaw għall-finanzjament tal-azzjonijiet ikkonċernati.

2. In-nefqa tista' tkun eliġibbli mid-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għall-għajjnuna. [In-nefqa għall-azzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti inklużi fil-ewwel programm multiannwali tista' tkun eliġibbli sa mill-1 ta' Jannar 2014].

3. Hija biss in-nefqa magħmula fl-Istati Membri li tista' tkun eliġibbli, ħliet meta l-proġett ta' interess komuni jkun jinvolvi t-territorju ta' pajjiżi terzi u fejn l-azzjoni tkun indispensabbli sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-proġett partikolari.

4. L-ispiża għal tagħmir u infrastruttura li l-benefiċjarju jgħodd bħala nefqa kapitali tista' tkun kollha kemm hi eliġibbli.

5. Nefqa marbuta ma' studji ambjentali dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-konformità mal-acquis tal-Unjoni jistgħu jkunu eliġibbli.

6. Nefqa marbuta max-xiri ta' art ma għandhiex titqies bħala spiża eliġibbli.

7. Il-VAT **ma għandhiex** titqies bħala spiża eliġibbli.

8. Regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż imħallsa mill-benefiċjarji għandhom japplikaw mutatis mutandis għal spejjeż imħallsa minn korpi inkarigati mill-

Emenda

1. Għotjiet skont dan ir-Regolament jistgħu jsiru f'waħda mill-forom stabbiliti mill-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [Regolament Finanzjarju l-Ġdid].

Il-Programmi ta' Ħidma għandhom jistabbilixxu l-forom ta' għotjiet ta' flus li jistgħu jintużaw għall-finanzjament tal-azzjonijiet ikkonċernati.

2. In-nefqa tista' tkun eliġibbli mid-data li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni għall-għajjnuna. [In-nefqa għall-azzjonijiet li jirriżultaw minn proġetti inklużi fil-ewwel programm multiannwali tista' tkun eliġibbli sa mill-1 ta' Jannar 2014].

3. Hija biss in-nefqa magħmula fl-Istati Membri li tista' tkun eliġibbli, ħliet meta l-proġett ta' interess komuni jkun jinvolvi t-territorju ta' pajjiżi terzi u fejn l-azzjoni tkun indispensabbli sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-proġett partikolari.

4. L-ispiża għal tagħmir u infrastruttura li l-benefiċjarju jgħodd bħala nefqa kapitali tista' tkun kollha kemm hi eliġibbli.

5. Nefqa marbuta ma' studji ambjentali dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-konformità mal-acquis tal-Unjoni jistgħu jkunu eliġibbli.

6. Nefqa marbuta max-xiri ta' art **mhux mibnija** ma għandhiex titqies bħala spiża eliġibbli.

7. Il-VAT **mhux rekuperabbli għandha** titqies bħala spiża eliġibbli.

8. Regoli dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż imħallsa mill-benefiċjarji għandhom japplikaw mutatis mutandis għal spejjeż imħallsa minn korpi inkarigati mill-

implimentazzjoni.

implimentazzjoni.

8a. L-assistenza teknika u amministrattiva għandha titqies spiża eliġibbli.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Proposti jistgħu jiġu mressqa minn wieħed jew bosta Stati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, impriżi konġunti, jew impriżi pubbliċi jew privati jew korpi stabbiliti fl-Istati Membri.

Emenda

1. Proposti jistgħu jiġu mressqa minn wieħed jew bosta Stati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, impriżi konġunti, **bħar-raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT)**, jew impriżi pubbliċi jew privati jew korpi stabbiliti fl-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni

Ir-raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) huwa għodda unika fil-livell tal-UE li jista' jiffirma kunċetti u jiżviluppa strateġiji lokali, jirrappreżenta l-awtorità amministrattiva fi programmi kumplessi li jgħaqqdu diversi sorsi ta' finanzjament, u jimplementa proġetti jew programmi. Ir-REKT jagħmilha possibbli li jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi u l-kumplessità, b'valur miżjud żejjed f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ħlief għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Regolament Finanzjarju l-Ġdid], il-proposti għandhom jiġu magħżula permezz ta' sejħa li toħroġ għall-proposti abbażi tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17.

2. Fil-qasam tat-trasport:

(a) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal studji, l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 %

Emenda

1. Ħlief għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu XXX tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Regolament Finanzjarju l-Ġdid], il-proposti għandhom jiġu magħżula permezz ta' sejħa li toħroġ għall-proposti abbażi tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17.

2. Fil-qasam tat-trasport:

(a) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal studji, l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 %

tal-ispejjeż eliġibbli;

(b) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal xogħlijiet:

(i) ferroviji u passaġġi tal-ilma fuq l-art: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż **l-20 %** tal-ispiża eliġibbli; ir-rata ta' finanzjament **tista'** tiġi miżjuda **għal 30 %** għal azzjonijiet li jindirizzaw il-konġestjonijiet; ir-rata ta' finanzjament **tista'** tiġi miżjuda **għal 40 %** għal azzjonijiet li jikkonċernaw sezzjonijiet transkonfinali;

(ii) kollegamenti ta' transport fuq l-art bejn portijiet u ajruportijiet, azzjonijiet sabiex jitnaqqas *l-istorjbu* li joħroġ mill-ferroviji li jgħorru l-merkanzija permezz ta' twaħħil ta' tagħmir apposta mal-vetturi kollha li joperaw fuq il-linji tal-ferroviji, kif ukoll l-iżvilupp ta' portijiet **u pjattaformi multimodali**: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż l-20% tal-ispiża eliġibbli.

(c) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal sistemi u servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku:

(i) is-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS – European Rail Traffic Management System): l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli;

(ii) sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku, servizzi ta' ġarr ta' merkanzija, parkings siguri fuq in-network ewlieni tat-toroq, kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-

tal-ispejjeż eliġibbli;

(b) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal xogħlijiet:

(i) ferroviji u passaġġi tal-ilma fuq l-art: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni **għandu jkun tal-anqas 20 %, iżda** ma għandux jaqbeż **it-30 %** tal-ispiża eliġibbli; ir-rata ta' finanzjament **għandha** tiġi miżjuda **sa massimu ta' 30 %** għal azzjonijiet li jindirizzaw il-konġestjonijiet; ir-rata ta' finanzjament **għandha** tiġi miżjuda **sa massimu ta' 40 %** għal azzjonijiet li jikkonċernaw sezzjonijiet transkonfinali; **25 % tal-fondi fl-ambitu tas-CEF għandhom jiġu allokatu għal programmi dwar punti ta' qsim tal-fruntiera.**

(ii) kollegamenti ta' transport fuq l-art bejn portijiet u ajruportijiet, azzjonijiet sabiex jitnaqqas *l-istorjbu* li joħroġ mill-ferroviji li jgħorru l-merkanzija permezz ta' twaħħil ta' tagħmir apposta mal-vetturi kollha li joperaw fuq il-linji tal-ferroviji **u billi tiġi ffaċilitata l-modernizzazzjoni tiegħu**, kif ukoll l-iżvilupp ta' portijiet, **biex b'hekk jiġu kkunsidrati wkoll reġjuni ġeografikament żvantaġġati, u azzjonijiet li jappoġġaw teknoloġiji ġodda u innovazzjoni għall-mezzi kollha ta' trasport**: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż l-20% tal-ispiża eliġibbli.

(c) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal sistemi u servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku:

(i) is-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS – European Rail Traffic Management System) **u Sistemi ta' Informazzjoni tax-Xmajjar**: l-ammont ta' għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli;

(ii) sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku, servizzi ta' ġarr ta' merkanzija, parkings siguri fuq in-network ewlieni tat-toroq, kif ukoll azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-

Awtostradi tal-Ibħra: l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż l-20% tal-ispiża eliġibbli.

3. Fil-qasam tal-enerġija:

(a) l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli biex isiru studji u/jew xogħlijiet;

(b) ir-rati ta' kofinanzjament jistgħu jiġu miżjuda sa massimu ta' 80 % għal azzjonijiet li skont *l-provi* murija msemija fl-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija], joffru livell għoli ta' sigurtà ta' provvista fuq livell reġjonali jew madwar l-Unjoni, jew isaħħu s-solidarjetà tal-Unjoni jew ikun fihom soluzzjonijiet innovattivi bil-kbir.

4. Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni:

(a) azzjonijiet fil-qasam tan-netwerks tal-broadband: l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli;

(b) azzjonijiet fil-qasam tas-servizzi ġeneriċi: l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(c) il-pjattaformi tas-servizzi ewlenin għandhom normalment jiġu ffinanzjati permezz ta' akkwisti. *F'każi* eċċezzjonali, jistgħu jiġu ffinanzjati minn għotja ta' flus li tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament;

(d) azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, fosthom it-tfassil ta' kartografija tal-infrastruttura, ġemellaġġ u għajnuna teknika: l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli.

5. Ir-rati ta' kofinanzjament imsemmija hawn fuq jistgħu jiġu miżjuda b'sa mhux aktar minn 10 punti perċentwali għal

Awtostradi tal-Ibħra: l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż l-20% tal-ispiża eliġibbli.

3. Fil-qasam tal-enerġija:

(a) l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli biex isiru studji u/jew xogħlijiet;

(b) ir-rati ta' kofinanzjament jistgħu jiġu miżjuda sa massimu ta' 80 % għal azzjonijiet li skont *il-provi* murija msemija fl-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2012 [Linji Gwida għall-infrastruttura tal-enerġija], joffru livell għoli ta' sigurtà ta' provvista fuq livell reġjonali jew madwar l-Unjoni, jew isaħħu s-solidarjetà tal-Unjoni jew ikun fihom soluzzjonijiet innovattivi bil-kbir.

4. Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni:

(a) azzjonijiet fil-qasam tan-netwerks tal-broadband: l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-50 % tal-ispiża eliġibbli;

(b) azzjonijiet fil-qasam tas-servizzi ġeneriċi: l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli;

(c) il-pjattaformi tas-servizzi ewlenin għandhom normalment jiġu ffinanzjati permezz ta' akkwisti. *F'każijiet* eċċezzjonali, jistgħu jiġu ffinanzjati minn għotja ta' flus li tkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament;

(d) azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi, fosthom it-tfassil ta' kartografija tal-infrastruttura, ġemellaġġ u għajnuna teknika: l-ammont ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni ma għandux jaqbeż il-75 % tal-ispejjeż eliġibbli.

5. Ir-rati ta' kofinanzjament imsemmija hawn fuq jistgħu jiġu miżjuda b'sa mhux aktar minn 10 punti perċentwali għal

azzjonijiet li għandhom sinerġiji transsettorjali, li jilhqqu l-oġettivi ta' mitigazzjoni fil-klima, li jtejbu r-reżiljenza għall-klima jew li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Din iż-żieda ma għandhiex tapplika għar-rati ta' kofinanzjament imsemmija fl-Artikolu 11.

6. L-ammont ta' għajjnuna finanzjarja li tingħata għall-azzjonijiet magħżula jkun adattat abbażi ta' analiżi tal-benefiċċju miksub għall-flus li jintefqu ta' kull proġett, id-disponibiltà tar-riżorsi baġitarji, u l-bżonn li jittieħed vantaġġ massimu *mill-finanzjament* tal-UE.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fir-rigward tal-**EUR 10 000 000 000** transferiti mill-Fond ta' Koeżjoni [Regolament XXX l-Artikolu XX] li għandhom jintefqu fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, se jiġu mnedija sejħiet speċifiċi għal proġetti li jimplementaw in-netwerk ewlieni esklussivament fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.

2. Ir-regoli applikabbli għas-settur tat-trasport skont dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal dawn is-sejħiet speċifiċi. ***Meta jkun il-waqt li jiġu implimentati dawn is-sejħiet, għandha tingħata l-ogħla prijorità possibbli lill-proġetti*** li jirrispettaw l-allokazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni.

azzjonijiet li għandhom sinerġiji transsettorjali, li jilhqqu l-oġettivi ta' mitigazzjoni fil-klima, li jtejbu r-reżiljenza għall-klima jew li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Din iż-żieda ma għandhiex tapplika għar-rati ta' kofinanzjament imsemmija fl-Artikolu 11.

6. L-ammont ta' għajjnuna finanzjarja li tingħata għall-azzjonijiet magħżula jkun adattat abbażi ta' analiżi tal-benefiċċju miksub għall-flus li jintefqu ta' kull proġett, id-disponibiltà tar-riżorsi baġitarji, u l-bżonn li jittieħed vantaġġ massimu *mill-finanzjament* tal-UE.

Emenda

1. Fir-rigward tal-**EUR [XXX]** transferiti mill-Fond ta' Koeżjoni [Regolament XXX l-Artikolu XX] li għandhom jintefqu fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, se jiġu mnedija sejħiet speċifiċi għal proġetti li jimplementaw in-netwerk ewlieni esklussivament fl-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni.

2. Ir-regoli applikabbli għas-settur tat-trasport skont dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal dawn is-sejħiet speċifiċi, ***b'impenn lejn l-oġettiv sabiex jiġu eliminati l-ostakli lejn il-mobilità. L-għażla tal-proġetti eliġibbli għandha ssir abbażi ta' jekk għandhomx livell biżżejjed ta' maturità, kwalità u valur miżjud tal-UE skont l-oġettivi u l-kriterji speċifikati f'dan ir-Regolament, u filwaqt li jiġu rispettati l-allokazzjonijiet fl-ambitu tal-Fond ta' Koeżjoni sal-31 ta' Diċembru 2016. Mill-1 ta' Jannar 2017, ir-riżorsi trasferiti lill-***

Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li ma jkunux ġew allokati għal proġett tal-infrastruttura tat-trasport, għandhom jittieghdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni biex jiffinanzjaw proġetti tal-infrastruttura tat-trasport skont ir-regoli ta' dan ir-Regolament. Madankollu għandha tiġi żgurata l-akbar prijorità possibbli għall-proġetti li jirrispettaw l-allokkazzjonijiet nazzjonali taħt il-Fond ta' Koeżjoni.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10, u fir-rigward ***tal-EUR 10 000 000 000*** trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni [Regolament XXX l-Artikolu XX] li għandhom jintefqu mill-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, ir-rati massimi ta' finanzjament għandhom ikunu daww *aplikabbli* għal Fond ta' Koeżjoni msemmija fl-Artikoli 22 u 110.3 tar-Regolament (UE) Nru XXX2012 [Ir-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1083/2006] għall-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus sabiex isiru studji;
- (b) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal xogħlijiet:
 - (i) ferroviji u passaġġi tal-ilma fuq l-art;
 - (ii) azzjonijiet ta' appoġġ għal sezzjonijiet minn toroq li jkunu transkonfinali;
 - (iii) kollegamenti ta' trasport fuq l-art għal portijiet u ajruportijiet, l-iżvilupp ta'

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 10, u fir-rigward ***tal-EUR [XXX]*** trasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni [Regolament XXX l-Artikolu XX] li għandhom jintefqu mill-Istati Membri eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni, ir-rati massimi ta' finanzjament għandhom ikunu daww *aplikabbli* għal Fond ta' Koeżjoni msemmija fl-Artikoli 22 u 110.3 tar-Regolament (UE) Nru XXX2012 [Ir-Regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1083/2006] għall-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus sabiex isiru studji;
- (b) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal xogħlijiet:
 - (i) ferroviji u passaġġi tal-ilma fuq l-art;
 - (ii) azzjonijiet ta' appoġġ għal sezzjonijiet minn toroq li jkunu transkonfinali;
 - (iii) kollegamenti ta' trasport fuq l-art għal portijiet u ajruportijiet, l-iżvilupp ta'

pjattaformi multimodali u ta' portijiet;
(c) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal sistemi u servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku:
(i) is-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (European Rail Traffic Management System – ERTMS);

(ii) sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku;

pjattaformi multimodali u ta' portijiet;
(c) fir-rigward ta' għotjiet ta' flus għal sistemi u servizzi ta' ġestjoni tat-traffiku:
(i) is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), **is-Servizzi tal-Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) u s-Sistema ta' Monitoraġġ tat-Traffiku tal-Bastimenti u ta' Informazzjoni (VTMIS)**;
(ii) sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku;
(iii) awtostradi tal-baħar.

Għall-appoġġ tal-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni, u li jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet fit-tfassil ta' proġetti b'livell suffiċjenti ta' maturità, kwalità u valur miżjud tal-UE, il-Kummissjoni għandha torganizza sejħiet addizzjonali tal-anqas kull sena. Sabiex jiġi żgurat l-ogħla assorbiment possibbli tal-fondi trasferiti fl-Istati Membri kollha eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-azzjonijiet ta' appoġġ tal-programm fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, immirati li jsaħħu l-kapaċità istituzzjonali u l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tas-servizzi pubbliċi relatati mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti elenkati fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

3a. L-ammont ta' EUR [XXX] trasferit mill-Fond ta' Koeżjoni ma għandux jitqies fil-metodoloġija ta' limitu massimu ta' 2.5 % tal-PDG għall-pajjiżi ta' Koeżjoni.

3b. Ir-riżorsi tal-Fond ta' Koeżjoni użati għall-finanzjament ta' proġetti fis-settur tat-trasport fl-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni m'għandhomx jgħoddu mas-sistema tal-limiti massimi tal-Fond ta' Koeżjoni.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

1. L-Istati Membri b'diffikultajiet finanzjarji li jaqgħu fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 100(3) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXXX (ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni) apparti r-rata ta' kofinanzjament ogħla sa massimu ta' 10 % anki taħt is-CEF¹, jistgħu, fuq talba tagħhom stess, jużaw

(i) riżorsi li ġejjin minn flussi ta' flus irkuprati fil-qafas tas-CEF għal proġetti infrastrutturali;

(ii) ir-riżorsi li ġejjin minn korrezzjoni u/jew irkupru ta' flussi ta' flus fi ħdan il-pakketti nazzjonali tagħhom għal proġetti infrastrutturali;

(iii) l-ammonti rispettivi għandhom jiġu ġestiti b'mod ċentralizzat mill-Kummissjoni fil-qafas ta' programm dwar il-kompetittività u t-tkabbir. Dan għandu jinkoraġġixxi l-investment fi proġetti infrastrutturali nazzjonali kif ukoll transnazzjonali u għaldaqstant jikkontribwixxi lejn valur miżjud Ewropew.

¹ *Idem 3, Artikolu 11(3)*

Ġustifikazzjoni

Stati Membri b'diffikultajiet finanzjarji jiddependu b'mod partikolari fuq l-infrastruttura billi din tagħti spinta lill-impjiegi u tistimola t-tkabbir.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) wara evalwazzjoni ta' kif qed jimxi l-proġett, b'mod partikolari f'każ ta' dewmien kbir fl-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Emenda

(c) wara evalwazzjoni ta' kif qed jimxi l-proġett, b'mod partikolari f'każ ta' dewmien kbir fl-implimentazzjoni tal-azzjoni ***li jirriżulta mir-responsabilità diretta tal-benefiċjarji.***

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Qabel ma l-Kummissjoni tieġu kwalunkwe deċiżjoni minn dawk previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3, hija għandha teżamina l-każ partikolari u tgħarraf lill-benefiċjarji kkonċernati sabiex b'hekk huma jkunu jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom ***saż-żmien stipulat.***

Emenda

4. Qabel ma l-Kummissjoni tieġu kwalunkwe deċiżjoni minn dawk previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3, hija għandha teżamina l-każ partikolari u tgħarraf lill-benefiċjarji kkonċernati sabiex b'hekk huma jkunu jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom ***sa mill-anqas tliet xhur.***

Ġustifikazzjoni

Tul ta' żmien ta' mill-anqas 3 xhur għandu jagħti biżżejjed żmien lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali sabiex jippreparaw analiżi dettaljata u jressqu osservazzjonijiet sinifikanti dwar proġett partikolari qabel ma l-Kummissjoni Ewropea tieġu azzjoni.

Emenda 27

**Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. L-istrumenti finanzjarji għandhom jindirizzaw objettiv ta' politika speċifiku wieħed jew aktar tal-Unjoni, joperaw b'mod mhux diskriminatorju, għandhom ikollhom data ta' tmiem ċara, jirrispettaw il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u jkunu jikkomplementaw strumenti tradizzjonali bħal għotjiet.

Ġustifikazzjoni

L-użu tal-istrumenti finanzjarji għandu jkun regolat tajjeb u għandhom jiġu pprovduti biżżejjed garanziji sabiex jitnaqqas ir-riskju għall-flus pubbliċi u jissaħħu l-effetti ta' ingranaġġ.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom, għal proġetti relatati mas-setturi tat-trasport **u** l-enerġija, iwettqu l-monitoraġġ tekniku u l-kontroll finanzjarju ta' azzjonijiet b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u għandhom jiċċertifikaw ir-realtà u l-konformità tal-ispiża li tkun saret fir-rigward ta' proġetti jew partijiet ta' proġetti. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni waqt kontrolli fuq il-post.

Emenda

L-Istati Membri għandhom, għal proġetti relatati mas-setturi tat-trasport, l-enerġija **u t-telekomunikazzjonijiet**, iwettqu l-monitoraġġ tekniku u l-kontroll finanzjarju ta' azzjonijiet b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u għandhom jiċċertifikaw ir-realtà u l-konformità tal-ispiża li tkun saret fir-rigward ta' proġetti jew partijiet ta' proġetti. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni waqt kontrolli fuq il-post.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni **b'mod partikolari**, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jassiguraw iċ-ċertezza legali meħtieġa u l-kundizzjonijiet ta' investiment li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti li jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament

Emenda

Fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom **ukoll** jagħmlu kull sforz sabiex jassiguraw iċ-ċertezza legali meħtieġa u l-kundizzjonijiet ta' investiment li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti li jirċievu għajjnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament.

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha addattati illi jiżguraw li, meta xi azzjonijiet skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u ta' deterrent.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha addattati illi jiżguraw li, meta xi azzjonijiet skont dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu **billi jiġi żgurat li l-ispejjeż ma jkunux sproporzjonati għal infrastruttura tal-istess tip fl-Istati Membri differenti b'kunsiderazzjoni xierqa tal-prezzijiet lokali, kif ukoll** permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa fejn mhux dovuti u, fejn japplika, permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u ta' deterrent.

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi żgurat, kemm jista' jkun possibbli, li l-ispiża tal-proġetti infrastrutturali ffinanzjati mill-flus tal-UE tkun omoġenja fl-Istati Membri differenti, imsejsa fuq il-prezz tax-xogħol lokali u l-materjal.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat ta' Koordinament tal-Faċilità. **Dak il-kumitat għandu jkun kumitat** skont it-tifsira li jagħti r-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat ta' Koordinament tal-Faċilità **u mill-kumitati stabbiliti għal kull wieħed mit-tliet setturi tal-Istrument – l-infrastruttura tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet. Dawn il-kumitati għandhom ikunu kumitati** skont it-tifsira li jagħti r-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-kumitat għandu jiżgura li jkollu stampa ġenerali orizzontali tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17 sabiex jiżgura konsistenza u li jiġu identifikati s-sinerġiji u sfruttati mis-setturi bejniethom.

Emenda

3. Il-kumitat **għall-koordinament** għandu jiżgura li jkollu stampa ġenerali orizzontali tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 17 sabiex jiżgura konsistenza u li jiġu identifikati s-sinerġiji u sfruttati mis-setturi bejniethom. ***Il-kumitati tas-setturi rispettivi għandhom jgħinu lill-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni tal-linji gwidi rispettivi u għandhom jieħdu sehem fir-rieżamijiet tagħhom.***

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għandha tingħata lill-Kummissjoni s-setgħa ***li taddotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 20 għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Emenda

2. ***Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 20*** għandha tingħata lill-Kummissjoni ***għal perjodu ta' 3 snin minn ...*** * ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa sa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġġedded b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

* ***ĠU: Daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Ġustifikazzjoni

L-atti ddelegati ma għandhomx jantiċipaw is-setgħat tal-leġiżlaturi u għalhekk għandhom

jiġu inklużi dispożizzjonijiet li jipprevedu monitoraġġ regolari tas-setgħat eżekuttivi tal-Kummissjoni.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att iddelegat addottat skont l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien **xahrejn** minn mindu tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż **b'xahrejn** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

5. Att iddelegat addottat skont l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien **3 xhur** minn mindu tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż **bi 3 xhur** fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa mhux aktar tard minn nofs **l-2018**, il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport ta' evalwazzjoni dwar il-kisba tal-oġġettivi tal-miżuri kollha (fuq il-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tagħhom, fil-perspettiva ta' deċiżjoni li tittieħdet fuq it-tiġdid, modifika jew sospensjoni tal-miżuri. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni għandha tindirizza jekk hemmx lok għal simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, jekk l-oġġettivi kollha għadhomx rilevanti, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni li jkun hemm tkabbir intelliġenti, sostenibbli

Emenda

1. Sa mhux aktar tard minn nofs **l-2017**, il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport ta' evalwazzjoni dwar il-kisba tal-oġġettivi tal-miżuri kollha (fuq il-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew tagħhom, fil-perspettiva ta' deċiżjoni li tittieħdet fuq it-tiġdid, modifika jew sospensjoni tal-miżuri. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni għandha tindirizza jekk hemmx lok għal simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, jekk l-oġġettivi kollha għadhomx rilevanti, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni li jkun hemm tkabbir intelliġenti, sostenibbli

u inklużiv. Din għandha tikkunsidra r-riżultati li joħorġu mill-evalwazzjoni rigward l-impatt fit-tul tal-miżuri li jkunu ttieħdu qabel.

u inklużiv, **inkluż l-impatt fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali**. Din għandha tikkunsidra r-riżultati li joħorġu mill-evalwazzjoni rigward l-impatt fit-tul tal-miżuri li jkunu ttieħdu qabel.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Anness – parti 1 – taqsima a – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

fruntiera mal-BY – Warszawa – Poznań – Frankfurt/Oder – Berlin – Hannover – Osnabrück – Enschede – **Utrecht** – Amsterdam/Rotterdam – Felixstowe – Birmingham/Manchester – Liverpool

Emenda

fruntiera mal-BY – Warszawa – Poznań – Frankfurt/Oder – Berlin – Hannover – Osnabrück – **Rheine-Twente/Mittellandkanal** – Enschede – **Hengelo-Utrecht** – Amsterdam/Rotterdam – Felixstowe – Birmingham/Manchester – Liverpool

Passaġġi tal-ilma fuq l-art (IWW): Studju ta' fattibilità dwar il-konnessjoni bejn il-Mittellandkanal u t-Twentekanal

Emenda 37

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 1 – taqsima a – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

fruntiera mal-BY – Warszawa – Poznań – Frankfurt/Oder – Berlin – Hannover – Osnabrück – Enschede – Utrecht – Amsterdam/Rotterdam – Felixstowe – Birmingham/Manchester – Liverpool

Emenda

fruntiera mal-BY – Warszawa – Poznań – Frankfurt/Oder – Berlin – Hannover – Osnabrück – **Ajruport Münster/Osnabrück FMO** – Enschede – Utrecht – Amsterdam/Rotterdam – Felixstowe – Birmingham/Manchester – Liverpool

Ferrovija, ajruport: interkonnessjoni bejn il-ferrovija u l-ajruport Münster-Osnabrück

Emenda 38

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 1 – taqsima a – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

fruntiera mal-BY – Warszawa – Poznań –
Frankfurt/Oder – Berlin – Hannover –
Osnabrück – Enschede – Utrecht –
Amsterdam/Rotterdam – Felixstowe –
Birmingham/Manchester – Liverpool

Emenda

fruntiera mal-BY – Warszawa – Poznań –
Frankfurt/Oder – Berlin – Hannover –
Osnabrück – **Hengelo/Twente** – Enschede
– Utrecht – Amsterdam/Rotterdam –
Felixstowe – Birmingham/Manchester –
Liverpool

***Ferrovija: titjib ta' bosta sezzjonijiet
(Hannover– Osnabrück –
Hengelo/Twente; speċjalment
Minden/Seelze – Hannover u Twente-
Bypass)***

Emenda 39

Proposta għal regolament

Anness 1 – parti 1 – taqsima a – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

fruntiera mal-BY – Warszawa – Poznań –
Frankfurt/Oder – Berlin – Hannover –
Osnabrück – Enschede – Utrecht –
Amsterdam/Rotterdam – Felixstowe –
Birmingham/Manchester – Liverpool

Emenda

fruntiera mal-BY – Warszawa – Poznań –
Frankfurt/Oder – Berlin – Hannover –
**kanali fil-Ġermanja tal-Punent,
Mittellandkanal** – Osnabrück – Enschede
– Utrecht – Amsterdam/Rotterdam –
Felixstowe – Birmingham/Manchester –
Liverpool

***Sezzjonijiet identifikati minn qabel:
Kanali fil-Ġermanja tal-Punent,
Mittellandkanal, Hannover – Magdeburg
- Berlin***

Mezz: IWW (Passaġġi tal-ilma fuq l-art)

***Deskrizzjoni/dati Titjib (eż. elevazzjoni tal-
pontijiet li tippermetti tliet safef ta'
kontejners) inklużi konnessjonijiet ma'
mezzi oħra***

PROĊEDURA

Titolu	Il-Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa			
Referenzi	COM(2011)0665 – C7-0374/2011 – 2011/0302(COD)			
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 17.11.2011	TRAN 17.11.2011		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 17.11.2011			
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Markus Pieper 23.11.2011			
Artikolu 51 - Laqgħat konġunti ta' kumitati Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.3.2012			
Eżami fil-kumitat	23.11.2011	20.6.2012	12.7.2012	17.9.2012
Data tal-adozzjoni	27.11.2012			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	39 1 2		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Victor Boştinaru, John Bufton, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller			
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Březina, Andrea Cozzolino, Ivars Godmanis, Karin Kadenbach, Lena Kolarska-Bobińska, Heide Rühle, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter			